# IL- BIBBJA
# U
# L-KONTROLL
# TAT-TWELID

Minn
George Ebejer

# IL-BIBBJA U L-KONTROLL TAT-TWELID

Il-mistoqsija hija din: "*Huwa sewwa f'għajnejn Alla, għal raġel u mara miżżewġin li jipprattikaw il-kontroll tat-twelid? U jekk huwa sewwa, x'metodi jistgħu jużaw?*"

Mistoqsijiet bħal dawn spiss qegħdin jinstemgħu. Jekk l-Iskrittura Mqaddsa titkellem fuq dan is-suġġett, tweġibiet għandhom jiġu mogħtija bħala li huma l-kliem ta' Alla (1 Pietru 4:11). L-Iskrittura, igħidilna l-appostlu Pawlu,

> "*tagħmel il-bniedem ta' Alla jkun perfett imhejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16, 17).

L-appostlu Pietru jgħidilna wkoll,

> "*Is-setgħa tiegħu ta' Alla tatna dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba billi għarrfitna 'l Dak li sejħilna għas-sebħ u l-qawwa tiegħu*" (2 Pietru 1:3).

Fl-assenza ta' termini bħal "kontroll tat-twelid," "kontraċettiv," "kalendarju," "termometru," eċċ., fil-Bibbja, li hija l-Kelma ta' Alla, prinċipji għandhom jiġu mfittxija li jiggvernaw f'dawn ir-relazzjonijiet tal-ħajja. Hija r-rieda ta' Alla li dawk li jiżżewġu jkollhom it-tfal (1 Timotju 2:5). Jekk armla għadha żagħżugħa l-parir mogħti lilha huwa li tiżżewweġ u tnissel l-ulied biex "*ma tagħti l-ebda okkażjoni ta' tmaqdir*" u tkun maħkuma b'passjonijiet taż-żgħożija u, titgħabba biha l-knisja (1 Timotju 5:14-16).

L-ulied iferrħu d-dar; huma l-wirt ta' Alla u rigal ta' Alla (Salm 127:3). Imma dwar kemm tfal, kemm spiss, kemm spazju minn wieħed għal l-ieħor, dawn huma mistoqsijiet li issa qegħdin inħabbtu wiċċna magħhom. Il-ġenituri huma fid-dmir li jieħdu kura sewwa ta' ġisimhom, għaliex il-ġisem huwa t-tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab igħammar fina (1 Korintin 6: 19-20). Kull ħaġa magħmula għal ta' l-apposta li tipperikola s-saħħa hija dnub. Naqraw li:

> "*Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, **li huwa intom***" (1 Korintin 3:17; enfasi tiegħi).

Ukoll naqraw f'Efesin 5:29,

> "*Qatt ħadd ma bagħad il-ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja.*"

L-irġiel u n-nisa miżżewġin għandhom jagħtu każ tas-saħħa ta' xulxin. Ir-raġel, partikularment għandu jagħti każ tas-saħħa u l-bżonnijiet ta' martu (1 Pietru 3:7). Ma hemm ebda silta fl-Iskrittura Mqaddsa dwar xi mara Kristjana li kienet imfaħħra talli għamlet lilha nfisha martri billi ġabet ħafna tfal fid-dinja.

L-appostlu Pawlu serva li Alla mingħajr qies mingħajr ma kien miżżewweġ; huwa kellu don li mhux l-irġiel kollha għandhom (1 Korintin 7:7). Xi wħud saru Kristjani li kienu twieldu ħawlin jew li kienu magħmula ħawlin permezz ta' operazzjoni qabel ma daħlu fil-knisja (Atti 8:26-40). Xi wħud sar ewnuki li saru hekk *minn rajhom* minħabba s-saltna tas-Smewwiet

(Mattew 19:21). Din il-klassi ta' l-aħħar tista' tinkludi lil dawk li minħabba t-taħlit matrimonjali tagħhom ta' qabel sabu lilhom infushom li kienu qegħdin igħixu fl-adulterju fil-ħin li huma tgħallmu l-Evanġelju u b'hekk ikkunsidraw lilhom infushom bħala li ma kellhomx sess (jew permezz ta' trażżin determinat jew b'operaz-zjoni fiżika) għas-saltna tas-Smewwiet.

L-Iskrittura Mqaddsa m'għandha xejn xi tgħid dwar in-numru ta' tfal li għandu jkun hemm fil-familja. Din hija mistoqsija li hija mħollija għal kollox għal l-għaqal tal-ġenituri skond iċ-ċirkustanzi partikulari ta-għhom. Il-kliem ta' l-appostli li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltà tal-ġenituri għandu jkun miżmum f'moħħna:

> "*Jekk xi ħadd ma jieħux ħsieb niesu, l-aktar dawk tal-familja tiegħu, dan ċaħad il-fidi u hu agħar minn wieħed li ma jemminx*" (1 Timotju 5:8).

Għal kull bniedem jew grupp ta' nies li jagħmlu liġijiet li jiggvernaw il-fidi u l-morali, huwa li tidħol għas-saħta ta' Alla (2 Ġwanni 9-11; Dewteronomju 4:2). Kull digriet aktar ġdid mill-ewwel seklu W.K. imqiegħed fuq id-dixxipli ta' Kristu li jirregola d-dut-trina jew il-ħajja ma jistax ikun veru (Ġwanni 16:3). Il-Kristjan għandu jitkellem fejn il-Bibbja titkellem u jibqa' sieket fejn il-Bibbja hija siekta; jorbot fejn l-Iskrittura Mqaddsa torbot, jiġifieri, fejn l-appostli rabtu u jħoll fejn il-appostli ħallew (Mattew 16:18; 18:218; Galatin 1:6-9; 1 Korintin 4:6). Illum ma hawn ħadd li jista' jgħid li hu (jew huma) huwa suċċessur

ta' l-appostli għax ħadd illum ma jista' jikkwalifika biex isir appostlu (ara Atti 1:20-26 għall-kwalifiki ta' app-ostlu). Żgur li ħadd illum ma jista' jgħid li hu kien "*wieħed minn dawk li ssieħbu magħna [ma l-appostli] tul iż-żmien kollu li l-Mulej Ġesù kien dieħel u ħiereġ magħna,…*" (Atti 1:21). Żgur li ħadd mill-hekk imsejħa suċċessuri ta' l-appostli llum ma jista' jgħid li "*kien flimkien magħna [ma' l-appostli] xhud tal-qawmien tiegħu [ta' Ġesù] mill-imwiet*" (Atti 1:22). Illum hawn ħafna li jgħidu li huma suċċessuri ta' l-appostli imma wieħed irid ikun attent li ma jkunx fost dawk l-appostli li naqraw dwarhom fit-Tieni Korintin 11:12-15!

Siltiet li l-Knisja Kattolika Rumana tibbaża' r-raġuni tagħha dwar il-kontroll tat-twelid huma Ġenesi kapitlu 38 li huwa dwar Onan u Ġenesi 1:28 (it-Testment il-Qadim) fejn Alla qal lil Adam u Eva biex "*iżidu u jimmultiplikaw, u jimlew id-dinja u jirbħuha.*" Jekk l-inċident ta' Ġenesi 38 huwa suppost li jgħallem morali u li tapplika għal-lum, dan ikun ifisser li l-irġiel kollha li jirrifjutaw li jiżżewġu lir-romol ta' ħuthom jikkommettu ħaġa li f'għajnejn Alla hija mistmerra u dawn għandhom jiġu maqtula. Din il-liġi kienet imne-ħħija meta Ġesù Kristu miet fuq is-salib (Kolossin 2:14-16; Efesin 2), u ma torbotx fuq il-Kristjani. Fil-każ ta' Onan f'Ġenesi 38, huwa osservat li wara mew-tu, l-armla nħbiet f'ilbies u qagħdet f'ġenb it-triq bħala prostituta, fejn hija sseduċiet lil missier żewġha (Ġuda). Ġuda ma kienx ikkastigat minn Alla. Jista' xi ħadd jispjega għaliex din il-morali tat-tieni parti tas-silta, dik is-silta li l-Kattoliċi Rumani

huma marbuta permezz tagħha, skond it-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana li ma jistgħux jużaw il-metodu fl-ewwel parti tiegħu, għaliex din il-morali tat-tieni parti ta' l-istess silta għandha tkun inqas torbot, fejn jista' jkun ikkon-sidrat li wieħed li kellu x'jaqsam ma' prostituta ma kienx dnub?

Is-silta l-oħra hija Ġenesi 1:28, fejn naqraw hekk:

> "*U Alla berikom, u qalilhom Alla: Nis-slu, u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha …*"

Biex wieħed jifhem dan it-test, bħal kull test ieħor, is-sitwazzjoni għandha tkun ikkunsidrata, il-kelliemi, u dawk li lilhom il-messaġġ kien mogħti. Alla kkmanda lil l-ewwel ġenituri biex jimmultiplikaw, u Hu tahom xewqa naturali u qaddisa għal xulxin li tgħammar il-kmand, tagħmlu hieni kif ukoll li jagħti l-frott. Adam u Eva kienu l-uniċi persuni li kienu jgħixu fuq wiċċ l-art u kienet ir-responsabbiltà partikulari tagħhom biex "*ikollhom ulied subjien u bniet*" (Ġenesi 5:4). Li tapp-lika dan il-kmand għal l-irġiel u nisa ta' dan is-seklu li aħna ninsabu fih huwa li tapplika ħażin ħafna l-Kelma ta' Alla. Din tasew iġġarrab ħafna, u għalhekk xejn; għaliex jekk dan japplika għal l-irġiel kollha tal-lum, allura l-ebda ewnuku u lanqas persuna li hija ħawlija qatt ma jistgħu jidħlu fis-Smewwiet!

Ħafna kmandi differenti kienu mogħtija lil nies f'ċi-rkustanzi partikulari, fejn kieku dawn il-kmandamenti jekk arbitrarjament kienu magħmula li jorbtu fuq nies ta' sitwazzjonijiet u żminijiet oħra, kieku dawn kienu jippreżentaw problemi kbar. Noè kien ikkmandat biex

jibni arka ħalli jsalva lil daru mid-dilluvju. Għandhom in-nies illum jobdu dan il-kmand ta' Ġenesi kapitlu sitta? Mosè kien ikkmandat biex ikellem lill-blata ħalli jieħu l-ilma. Huwa dan il-metodu kif tieħu l-ilma applikabbli llum? Ġożwè kien ikkmandat biex jimxi madwar il-belt ta' Ġeriko għal tlettax-il darba u mbagħad idoqq it-tromba u jgħajjat biex b'hekk il-ħitan jaqgħu. Huwa dan il-parir prattikabbli għall-militar għall-ġenerazzjoni tagħna? Liġijiet antikwati ta' żwiġijiet diġa' ġew osservati. L-appostlu Pietru kiteb fit-Testment il-Ġdid li huma:

> "*dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżżejjed li jfissru ħażin l-Iskrittura għat-telfien tagħhom stess*" (2 Pietru 3:16).

L-appostlu Pawlu wissa lill-qarrejja tiegħu biex:

> "*ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen*" (1 Tessalonikin 5:21-22).

In-nies ta' Berea kienu mfaħħra għaliex huma:

> "*laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu*" (Atti 17:11).

Hija ħasra li ħafna Kattoliċi Rumani mhumiex kapaċi, u fil-fatt ma jistgħux jippruvaw id-duttrina tagħhom għalihom infushom, iżda huma kunfidenti li jekk qassis jiġi kkunntatjat, dokumenti u provi Skritturali ta' malajr jiġu murija. Qassis inħasad meta hu ġie mit-

lub juri provi mill-Bibbja u qal, “Inti l-ewwel persuna li qatt staqsejtni għall-provi ’l fuq mid-dinja tiegħi!” Okkażjoni li kelli jiena fejn kont mitlub minn familja biex niltaqa’ ma’ qassis ħalli jurini li jiena qiegħed fl-iżball, wara li bdejna niddiskutu u jiena bdejt nikk-wota mill-Bibbja, fl-aħħar hu ma felaħx iżomm aktar u qal b’mod ta’ rabja lill-mara li stednitni biex ma tiv-vintalux aktar okkażjonijiet bħal dawk! Hawn qiegħed il-periklu ta’ dawk il-ħafna li jfittxu l-verità: kuntenti aktar b’dak li jgħidilhom il-qassis milli jitolbu għal “**Hekk Igħid il-Mulej**.”

## SKOP TAŻ-ŻWIEĠ

Għaliex ir-raġel jiżżewweġ? Il-Mulej tagħna jwie-ġeb:

> “*Minħaba f’hekk raġel iħalli lil missie-ru u ’l ommu u jingħaqad ma’ martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed*” (Mattew 19:5).

Għal-liema kawża? Ġenesi jgħidilna li Alla għamel il-mara għar-raġel “*għaliex ma kienx sewwa li r-raġel ikun waħdu*” (Ġenesi 2:18).

Kemm jekk wieħed jikkonsidra l-iskop taż-żwieġ li hu għal (1) kumpanija jew għal (2) prokreazzjoni jiddependi fuq jekk wieħed qiegħed jikkonsidra mill-angolu ta’ l-iskop perpetwu tal-bniedem jew mill-angolu ta’ l-iskop oriġinali ta’ Alla li jimla d-dinja bin-nies eluf ta’ snin ilu. Qabel ma l-mara kienet maħluqa, Alla ra li ma kienx sewwa lir-raġel ikun waħdu. Wara li l-mara kienet magħmula għar-raġel

(mhux biex iġ-ġib it-tfal) 1 Korintin 11:9, Alla tahom l-ordni biex juri liema skop kien l-ewwel (Ġenesi 1:28). Hemm ħafna skopijiet oħra taż-żwieġ, inkluż il-prevenzjoni ta' l-immoralità (1 Korintin 7; Lhud 13:4) u l-provediment tax-xogħol għall-mara (1 Timotju 5:13-14; Proverbji 31:10-31). Naqraw fil-Kelma ta' Alla, permezz ta' Pawlu,

> "*Iżda minħabba ż-żina kull wieħed għandu jkollu martu u kull mara jkollha żewġha. Ir-raġel għandu jagħti lil martu li jmissha; hekk ukoll il-mara lil żewġ-ha. Il-mara ma għandhiex dritt fuq ġisi-mha, iżda żewġha fuqha; hekk ukoll ir-raġel ma għandux dritt fuq ġismu, iżda martu fuqu. Iċċaħdux lil xulxin minn xulxin, jekk ma tkunux ftehimtu minn qabel għal xi żmien, biex tagħtu ruħ-kom għat-talb u mbagħad terġgħu bħal-ma kontu qabel sabiex ma jittentakomx ix-xitan jekk ma tkunux tifilħu żżom-mu*" (1 Korintin 7:2-5).

Dan hu bla dubju l-aktar passaġġ qawwi fil-Bibbja Mqaddsa fuq is-suġġett dwar l-iskop taż-żwieġ. Dan il-kapitlu ċar jirreferi kważi kollu kemm hu għar-relaz-zjoni sesswali bejn ir-raġel u martu. Huwa att sewwa quddiem Alla bejn ir-raġel u martu, u ebda wieħed minnhom ma għandu jċaħħad jew "jinganna" lil ieħor jekk mhux bi ftehim minn qabel għal l-iskop speċjali għat-talb, u dan huwa biss għal intervall

temporanju. żmien twil ħafna m'għandux igħaddi mingħajr ma tis-sodisfa dan il-bżonn. Għandu jiġi osservat minn dan il-kapitlu (1) l-assenza ta' xi suġġeriment dwar il-frekwenza ta' l-att sesswali, u (2) ukoll assenza li tiġi nnutata hija kull konnessjoni bejn l-att sesswali u l-obligazzjoni li ġġib it-tfal fid-dinja. Jekk li jkollok it-tfal kien l-uniku skop ta' relazzjoni bħal din, ftit tabil-ħaqq, u 'l bogħod minn xulxin jista' jkun wieħed mill-ħsibijiet ta' l-aqwa u l-aktar egħmejjel b'saħħithom għall-imħabba u l-hena ta' xulxin li Alla tana. Żgur lir-relazzjoni li torbot lir-raġel u lill-mara flimkien spi-ritwalment bħala ħaġa waħda, hija li Alla fil-għerf Tiegħu pprovda. Safejn naf jien, ma hemm l-ebda intenzjoni li hija biss għal skop ta' riproduzzjoni; ma hemmx tagħlim bibliku.

## IL-KALENDARJU U T-TERMOMETRU

Dan huwa kkunsidrat mill-Knisja Kattolika Rumana bħala l-metodu ipprovdut minn natura u l-Awtur Divin tagħna. F'dan il-metodu, għalkemm jissejjaħ li huwa perjodu fiż-żgur ('safe period') ma huwa fiż-żgur xejn għaliex hemm rapport ta' 14.4 fil-mija riskju ta' tqala li huwa nvolut f'dan il-metodu, inqas minn nofs li tis-ta' torbot jew toqgħod fuqu mill-użu tal-kontraċettivi.

L-inċertezzi marbuta ma' dan il-metodu ġew aċċet-tati minn ħafna tobba kbar Kattoliċi. Ġinekoloġista fil-Kanada ta parir lil omm li mhix xi ħaġa komuni li ssib konċepiment f'xi ħin matul il-menstruwazzjoni ta' kull xahar. Huwa ssuġġerixxa li l-istimulazzjoni ta' l-għaq-da ma' xulxin ikkaġunat ovulazzjoni f'xi nisa, b'hekk spiċċat iċ-ċertezza tal-*kalendarju* u tat-

*termometru*. Biex ikunu assolutament ġenwini lejn il-kodiċi Katto-liċi, tobba f'każi bħal dawn jirrikmandaw astinenza kompleta meta ma jkunx tajjeb li l-omm ikollha aktar tfal. *Imma dan huwa direttament kontra l-istituzzjoni-jiet divini fl-ewwel Korintin, kapitlu 7!* Possibbli l-Ispirtu s-Santu ma kienx jaf dwar din is-sitwazzjoni qabel ma ispira lil Pawlu biex jikteb dak il-kliem? (1 Korintin 7:40).

Il-Knisja Kattolika Rumana tikkundanna l-kontroll tat-twelid b'mezzi artifiċjali bħala ksur jew taħwid tal-liġi naturali, fejn l-għażla li hija toffri hija, tassew, wisq aktar mhux naturali u distruttiva, fiżikament u emozzjonalment!

Li toffri, għalhekk, minn distinzjoni bejn metodi ta' kontroll tat-twelid "naturali u mhux naturali" huwa għal kollox bla sisien u inkonsistenti li jkun aċċet-tabbli għal xi ħadd li hu mgħarraf bil-fatti. Li topponi għall-mezzi li "mhumiex naturali" allura l-Knisja Kat-tolika Rumana għandha wkoll topponi għat-tqaxxir tal-leħja, għall-kura tas-snien, tneħħija tat-tonsilli, ċelibat (ordnat f'ċerti każi, bħas-saċerdozju u sorijiet), li ċert-ament mhumiex prattika naturali, eċċ.

**1 Korintin 7:2-5** – Xi ħadd forsi jgħid li f'dan il-versi l-appostlu Pawlu kien qiegħed jittratta dwar l-imġieba tal-miżżewġin bejniethom fuq bażi ta' ugwal-janza u mhux dwar l-iskop ta' l-att sesswali taż-żwieġ. It-tweġiba hija din: Huwa tassew li l-appostlu kien qiegħed jittratta dwar l-imġieba tal-miżżewġin bejniet-hom iżda mhux minnu li l-appostlu ma kinex qiegħed jittratta dwar l-iskop ta' l-att taż-żwieġ. Ħalli naraw sewwa x'qal l-appostlu ispirat.

Hawnhekk, bi tweġiba għall-mistoqsijiet speċifiċi mill-knisja f'Korintu, l-appostlu Pawlu jiddiskuti d-drittijiet u l-privileġġi tan-nies miżżewġin. Hu baqa' fil-limiti tad-dekor fit-tweġiba tiegħu, fl-istess ħin hu tkellem b'ċertezza studjuża u bi preċiżjoni.

Il-kustjoni li nqalgħet f'Korintu kienet dwar id-dnub taż-żena. L-appostlu jgħidilna kulħadd skond il-vok-azzjoni tiegħu, iżda la darba wieħed jagħmel l-għażla, hu marbut mill-obligi partikulari tat-triq li jkun għażel.

U hawn jiena nistaqsi: "L-att sesswali huwa obligu partikulari bejn tnejn miżżewġin? Għal-liema raġuni l-appostlu Pawlu tahom il-parir biex jiżżewġu? It-tweġiba jagħtihielna l-Ispirtu s-Santu Nnifsu:

> "*Minħabba ż-żena kull wieħed għandu jkollu martu u kull mara jkollha żewġha…Ir-raġel għandu jagħti lil martu li jmissha…dritt fuq ġisem xulxin…Iċċaħdux lil xulxin minn xulxin…terġgħu bħalma kontu qabel…ma tkunux tifilħu żżommu*" (1 Korintin 7:2-5).

Dawn huma termini konvenzjonali, użati b'delikatezza biex jimplikaw relazzjonijiet konjugali. "Dritt fuq ġisem" mhuwiex dritt sovran tar-raġel jew tal-mara. Il-persuni tagħhom stess huma ta' xulxin. L-ebda wieħed minnhom m'għandu l-privileġġ li jirrifjuta dak li l-ieħor għandu bħala dritt matrimonjali li jitlob u jip-pretendi. Hemm ministeru reċiproku, perfezzjoni ta' għaqda għall-koppja fis-sisien tad-diskors ta' l-appost-lu ispirat. Dan jinvolvi kemm

dmirijiet soċjali kif ukoll jagħraf responsabbiltajiet morali u spiritwali.

L-appostlu, għalhekk, jittratta dwar wieħed mill-iskopijiet **primarji** taż-żwieġ u jinsisti li fedeltà għall-obligazzjoni tissalvagwardja l-unjoni mill-periklu **primarju** tagħha—dak taż-żena. Nuqqasijiet minn xi parti mid-dover taż-żwieġ mhumiex permessi—għaliex dan id-dover isir dejn fil-veru sens tal-kelma. Dan hu muri mis-selezzjonijiet ta' termini ta' l-appostlu wżati biex iwissu kontra l-abbużi tal-privileġġi matrimonjali:

"*Iċċaħdux lil xulxin minn xulxin!*"

Li ċċaħad huwa li tonqos li tħallas id-dejn. Dak id-dejn għandu jiġi mħallas; dan jista' jiġi pposponut biss "*bi ftehim*" mal-parti l-oħra, u wkoll f'dan il-każ, "*għal xi żmien*" li wara, dawn it-tnejn "*jerġgħu bħal-ma kienu qabel.*"

Koppji Kristjani forsi jkunu jridu li jieqfu għal xi żmien minn għaqda ta' din ix-xorta, hekk kif huma forsi jkunu jridu li jieqfu jew inaqqsu mill-ikel u x-xorb u, biex jagħtu lilhom infushom għas-sawn u għat-talb. Iżda l-appostlu Pawlu jwissi li wkoll astinenza volontarja tista' tintensifika x-xewqa u toffri okkażjoni akbar li *x-xitan jittanta* jew lir-raġel jew lill-mara.

Mela separazzjoni perjodika mid-dover konjugali tista' tkun permezza *biss* bi ftehim bejn il-koppja—*iżda qatt ma huwa mġiegħel* bħala liġi! Madankollu, il-ħlas tad-dejn fiżiku huwa *mġiegħel bħala liġi ta' Alla*, u jkun *qerq* li ma tħallsux. Dak id-dejn m'għan-

dux ikun arbitrarjament issosspendut la minn naħa u lanqas mill-oħra. Dan qatt ma għandu jkun imċaħħad għal taparsi raġunijiet ta' santità jew għal skrupli *puritani*. Hija ħaġa ta' min jinnotaha li l-ġenerazzjoni tat-tfal mhix ir-raġuni jew il-ġustifikazzjni li tħallas id-dejn. "*Biex ix-xitan ma jittantakomx*" biex "*tevitaw iż-żena*" hija r-raġuni, il-ġustifikazzjoni magħrufa hekk, bażika, il-bżonn naturali uman, għalhekk, għandu jiġi amministrat. Dan il-bżonn kostituzzjonali tan-natura umana kien impoġġi fil-*bniedem* "*fil-bidu*," li f'liema żmien Alla wkoll waqqaf iż-żwieġ bħala l-uniku post leġittmu għall-espressjoni tal-bżonn u għas-sodisfazzjon komplet tax-xewqat involuti. Prokreazz-joni mhix imsemmija mill-appostlu bħala fattur li għa-ndu jkun ikkunsidrat fl-eżistenza jew fis-sodisfazzjon tal-bżonn. L-għaqda matrimonjali tar-raġel u tal-mara miżżewġin għandha tkun ibbażata fuq imħabba intima lejn xulxin jekk għandu jkollha l-veru tifsira tagħha. L-imħabba qatt ma hi xħieħa, tinganna jew għalik in-nifsek:

> "*L-imħabba ma tfittexx dak li hu tagħha*" (1 Korintin 13:5).

Jekk wieħed jaqra Efesin 5:22-31; Lhud 13:14; Ġenesi 1:31; 2:23; 1 Korintin 11:7 u siltiet oħra dan jara li l-att sesswali bejn raġel u mara miżżewġin huwa legali, pur, tajjeb. inkorraġġut (biex tevita t-tentazzjoni), mhux biex ikun irrifjutat, iżda biex ikun onorat! U dawn il-veritajiet kollha huma ppreżentati indipendentament minn xi xewqa ta' prokreazzjoni!

L-imħabba tar-raġel lejn martu mhix volontarja, tal-mument. Minn żmien għal żmien xi ħadd jistqarr, "M'għadnix inħobb aktar lil marti." Jekk dan hu minnu, huwa jkun qiegħed ikun diżubbidjenti għall-kmand tal-Mulej Ġesù Kristu. Jekk raġel jagħmel sforz qawwi u bil-għaqal biex iħobb lil martu kif Ġesù ħabb il-knisja Tiegħu, dan għandu jsib għaqda emozzjonali ġdida għall martu. Huwa jgawdi żwieġ massimu.

Naqraw fl-Ewwel Korintin 11:11,

> "*Imma la l-mara ma hi mingħajr ir-raġel u lanqas ir-raġel mingħajr il-mara fil-Mulej.*"

Fi kliem ieħor, hemm ħsieb jew għan divin hawn. Alla fassal raġel u mara fir-razza umana biex ikunu dipendenti fuq xulxin. L-ebda wieħed minnhom ma hu kom-plut mingħajr l-ieħor. Iż-żwieġ mhuwiex arranġament ta' bejn tnejn biss; iż-żwieġ huwa arranġament ta' bejn tlieta. Iż-żwieġ huwa għal dawk li jħobbu lil Alla u lil xulxin. Hemm trijangolu ta' hena matrimonjali. Alla għandu jkun fil-ponta ta' fuq it-trijangolu, ir-raġel fuq angolu ta' naħa waħda tal-bażi u l-mara fuq l-angolu tan-naħa l-oħra tal-bażi tat-trijangolu.

Dwar kemm tfal koppja għandha ġġib fid-dinja, Alla ħalliha fil-libertà li jiddeċiedu huma skond il-ħtiġijiet tagħhom. L-istess dwar liema metodu huma għandhom jużaw għall-kontroll tat-twelid, Alla ma jin-daħalx lill-koppja imma jħallihom li jgħażlu l-

metodu li huma jħossu li hu l-aħjar għalihom dejjem bl-imħabba u bir-rispett lejn xulxin.

Il-Kelma ta' Alla twissina:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll għandna din it-twissija:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ SKOND DAK LI ĠEJ MILL-BNEDMIN; skond il-prinċipji TAD-DINJA U MHUX TA' KRISTU" (Kolossin 2:8).*

L-Ispirtu s-Santu jwissina, permezz ta' l-appostlu ispirat Ġwanni fejn jgħidilna:

> "*Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1, 2).

Dan wieħed jista' jagħmlu biss billi: "jqalleb fl-Iskrittura biex jara jekk dak li jisma' jkunx minnu jew le" (Atti 17:11).

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: **info@churchofchristmalta.com**

jew: **www.churchofchristmalta.com**